Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 302 / 2015**

Il-Pulizija

vs

**Emanuel Grech**

Illum, 26 ta' Novembru, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emanuel Grech iben Emanuel, imwieled Pieta', fid-29 ta' Dicembru, 1948, detentur tal-karta tal-identita' numru 35949(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli nhar it-12 ta' Novembru 2014 ghal habta tal- 9:30hrs fl-inhawi ta' l-Ghallies l/o Naxxar u f' dawn il-gzejjer waqt stagun miftuh ha jew ipprova jiehu b' xi mezz, xi ghasfur meta ma issodisfax il-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-Licenza Specjali ghall-Insib limitat tal-Ghasafar tal-Ghana fil-Harifa tal-2014 mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u f' kull ligi ohra u cioe' zamm jew kellu fil-pussess tieghu aktar minn total ta' wiehed u ghoxrin (21) ghasfur tal-ghana/bghula uzati bhala ghajat u tahrik (live-decoys) waqt li kien fis-sit fejn isir l-insib, irrispettivament minn numru ta' persuni li ghandhom il-licenzja registrata fuq l-istess sett ta' mnasab bi ksur ta' kundizzjoni numru 12; bi ksur ta' regolament 12 (1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71), u bi ksur ta' regolament 9 tal-A.L. 253 tal-2014 hekk kif emendat (L.S. 504.124)

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uza ghasafar tal-ghana/bghula (6 ghasafar) uzati bhala ghajat u tahrik (live-decoys) waqt li kont fis-sit fejn isir l-insib u li ma kellhomx crieket maghluqa (seamless closed ring) jew crieket li jistghu jintuzaw darba biss kif approvat mill-Wild Bird Regulations Unit bi ksur ta' kundizzjoni numru 13 bi ksur ta' regolament 12 (1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71), u bi ksur ta' regolament 9 tal-A.L. 253 tal-2014 hekk kfi emendat (L.S. 504.124)

3. Akkuzat ukoll talli bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kap 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f' dik il-licenzja billi ma kellux ic-crieket li nghataw lilu prezenti fuq is-sit.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat il-kundizzjoni 12 Regolamenti 12 (1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71), u bi ksur ta' regolament 9 tal-A.L. 253 tal- 2014 hekk kif emendat (L.S. 504.124), kundizzjoni numru 13 bi ksur ta' regolament 12 (1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71), u bi ksur ta' regolament 9 tal-A.L. 253 tal- 2014 hekk kif emendat (L.S. 504.124), il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tat-tielet (3) akkuza u ghaldaqstant illiberatu. Sabitu hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi u ghaldaqstant kkundannatu multa ta' seba' mitt ewro (€700) u ordnat is-sospenzjoni tal-licenzja ghal sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant Emanuel Grech minnu pprezentat fl-4 ta' Gunju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja u timmodifika l-istess decizjoni billi thassarha u tirrevokha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuza u tilliberah minn kull piena u imputazzjoni filwaqt li tikkonfermha in kwantu ma sabitux hati u illiberatu mit-tielet akkuza.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi qabel xejn jinghad li l-esponenti ma jistax jisntab hati ta' l-akkuzi kontrih dedotti u dan peress li ma ngabitx prova sodisfacenti skont il-ligi li hu ma sodisfax ir-regoli kollha fil-licenzja ta' l-insib.

Illi d-dokument li gie esebit kien fotokopja ta' dak li allegatament qieghed jinghad li hi licenzja specjali ta' l-esponent. Illi se mai huwa pacifiku li f' kazijiet ta' proceduri penali hlief fejn il-ligi ma tesegiex id-dispensa ta' l-awtenticita tad-dokument, kull dokument esebit relevanti ghal kull kaz u aktar u aktar meta l-kaz ikun principlament kostruwit fuqu ghandu jkun awtentiku jew awtentikat. Fil-kaz in ezami d-dokument in kwestjoni ma jissodisfax dawn ir-rekwisiti u allura ma ngabitx prova skont il-ligi ta' dan id-dokument.

Illi di piu kif ser jigi sottomess fil-kors ta' dan l-Appell ghandu jirrizulta mill-fatt rizultanti minn produzzjoni ta' xhieda orali u kif ukoll dokumentarja, mhux minnu li l-esponent kien qieghed jonsob bi ksur tar-regolamenti u l-ligijiet imsemmija fic-citazzjoni. Aktar minn hekk, data ma non cesso li ma kienx formalment konform hu li l-esponent ma kienx jipposjedi dik il-mens rea rikjesta mil-ligi sabiex jista' jinghad li huwa kien bi ksur tal-legislazzjoni u regolamenti imsemmija fic-citazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) kienu xehdu **Stanley Gatt** fejn fil-verbal tal-istess seduta hemm imnizzel li prezenta dokumenti. Xehdu ukoll **PS 1030** u **PC 1396.** Jirrizulta li kien anke xehed l-imputat quddiem l-Ewwel Qorti. Ix-xhieda ta' dawn li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti ma hijiex traskritta.

Quddiem l-Ewwel Qorti hew ipprezentati dettalji tal-appellant fuq il-'PCR'. Giet ipprezentata affidavit ta' **PS 1030 Clinton Theuma** a fol 6 fejn huwa bhala membru

tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta stazzjonat l-Administrative Law Enforcement iddikjara li fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ghal habta tad-9:30 hu flimkien ma' PC 1396 kienu ghaddejjin ronda fl-inhawi tal-Ghallis limiti ta' Naxxar fejn go ghalqa nnotaw persuna go dura jonsob u mansab armat b'diversi ghasafar fil-gabjetti mdawrin max-xbiek. Huma nizlu jaghmlu spezzjoni fejn il-persuna fuq il-mansab kien certu Emanuel Grech bin-numru tal-karta tal-identita' 35949M. Mill-ispezzjoni rrizulta li '*mr Mifsud kellu zewg ghasafar ( Gojjin u Sponsun) mdawrin mal-mansab li ma kellomx curkett maghluq kif ukoll minflok 21 ghasfur kellu 26 ghasfur mdawrin mal-mansab ( live decoys). Mr mifsud ma kellux ic-crieket tal-plastic li gew provduti lilu fuq il-post ghax qal li kien nesihom warajh.*' Gie infurmat li ser jitressaq il-Qorti rigward l-illegalitajiet li kellu kif ukoll il-licenzja specjali tal-harifa 2014, zewg ghasafar bla curkett, u c-crieket li kienu disgha (9) ghax qal li tilef wiehed gew elevati u nharget ircevuta bin-numru 4692. Iddikjara ukoll li l-ghasafar ikkonfiskati ttiehdu l-kwarantina fejn Stanley Gatt '*c/o mepa*' konferma r-razza taghhom.

A fol 7 giet ipprezentata l-ircevuta tal-oggetti elevati. Filwaqt li a fol 8 f'envelop gew ipprezentati '*Liċenzja Speċjali għall-Insib limitat tal-Għasafar tal-Għana fil-Ħarifa tal-2014 taħt kondizzjonijiet strettament sorveljati*' f'isem Emanuel Grech flimkien ma' verzjoni ta' din il-licenzja bl-Ingliz, site plan, disa' (9) crieket ghall-ghasafar u Carnet De Chasse.

Permezz ta' affidavit **PC 1396 S. Farrugia** iddikjara li fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ghal habta tad-9:30hrs waqt li kien xoghol ma' PS 1030 fil-limiti tan-Naxxar f'post maghruf bhala t-'*Torri tal-Ghassies*', bdew jaghmlu spezzjonijiet dwar insib u kacca illegali, innota persuna li kien qieghed gewwa dura li beda jobsob. Jghid li rrizulta li kien Emanuel Grech. Xehed li fuq il-post irrizulta li ma kellux ic-crieket li suppost igorr mieghu fuq il-post hekk skond kif stipulat mill-ligi. Meta Emanuel gie mistoqsi kemm kellu ghasafar u jekk kellhomx kollha c-crieket, irrisponda li kellu wiehed u ghoxrin (21) u li kollha kienu jinsabu bic-curkett. Izda meta dan il-mansab gie spezzjonat irrizulta li kellu sitta u ghoxrin (26) ghasfur u li kien hemm zewgt ghasafar minhom minghajr crieket. Iddikjara fl-affidavit li Emanuel gie infurmat li kellu l-area tal-insib hazina u b'hekk ma setghax johrog ghall-insib hekk kif kien armat. Iz-zewgt ghasafar gew elevati mill-Pulizija flimkien

mal-licenzja specjali tal-insib u wkoll gie infurmat li kien sejrin jinhargu l-akkuzi relatati fil-konfront tieghu.
A fol 10 u 11 gew iprezentati dettalji dwar licenzja ghat-tehid ta' gahsafar bix-xibka (Clapnet) mahruga mill-Ufficju tal-Armi f'isem Emmanuel Grech. A fol 12 et sequitur giet ipprezenta lista ta' ghasafar protetti u cioe' tnejn elevati minghand Emanuel Grech flimkien ma' ritratti tal-ghasafar kif ukoll lista ta' dawn l-ghasafar protetti b'dettalji tat-tip ta' curkett li suppost kellu jintlibes fuq l-ghasfur.

A fol 15 et sequitur giet ipprezetata '*Licenzja Specjali ghall-Insib limitat tal-Ghasafar tal-Ghana fil-Harifa tal-2014 taht kondizzjonijiet strettament sorveljati*' fejn ma hemmx imnizzel min huwa d-detentur tal-licenzja.

Quddiem din il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed **PS 1030 Clinton Theuma** fejn sar referenza ghall-affidavit tieghu fejn gharaf il-firma tieghu u li ttiehed bil-gruament. Spjega li huwa stazzjonat l-ALE, Administrative Law Enforcement u huma jaghmlu inspections fuq kacca u fuq nassaba f'dawk iz-zminijiet. Spjega li fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) hu u l-kollega tieghu li mhux stazzjonat maghhom PC 1396 kienu qed jaghmlu ronda fin-naha ta' fuq ta' Malta fl-inhawi tal-Ghallis, lejn in-Naxxar. Ghamlu spezzjoni fuq mansab u persuna li kien qed jonsob. Jghid li dan mansab jaqbad l-ghasafar hajjin bix-xibka. Spjega li ghal dak iz-zmien kien hemm licenzja specjali. Spjega li '*Il-Gvern jaghmel licenzja specjali, b'regolamenti specjali, biex l-insib ikun jista jiftah is-season, l-istagun tal-insib*.' Spjega li n-nassaba jridu joqghodu ma' dawk ir-regolamenti li jkollhom. Meta ccekja jekk dawn ir-regolamenti kienx qieghed jimxi maghhom s-Sur Manwel Grech maghruf bhala Harry li gharaf fl-awla kellu xi affarijiet li ma qablux mar-regolament. Spjega li suppost ikollok wiehed u ghoxrin (21) ghasfur skont ir-regolament u li dan kellu sitta u ghoxrin (26) ghasfur. Meta staqsieh kellux crieket tal-ghasafar li suppost gabhom mieghu ghax setghu jaqbdu sa ghaxra (10) biss, li ghalhekk licenzja specjali ghax sa ghaxra (10) biss setghu jaqbdu, ma kienux fuqu lanqas. Xehed li kellu erba' (4) ghasafar zejda, li l-ghasafar zejda li kellhom lanqas kienu registrati, ma kellhomx curkett, tnejn minn dawk l-erbgha (4) zejda kienu bla curkett ukoll, jigifieri jew qabadhom ftit qabel jew gabhom mieghu mid-dar bla curkett. Dawn ittiehdu l-

kwarantina tal-Gvern gewwa Hal-Luqa, ghamlu rcevuta. Spjega ukoll li '*parti ohra mir-regolamenti tal-permess specjali, hija li l-licenzja ghal dak is-season tigi elevata mill-Pulizja wkoll. Jigifieri dan ma' setax imur jonsob aktar, ghal dak il-hin stess.*' Spjega li '*hadtlu l-licenzja, tkun bi-miktub, hekk karta, ktieb, u l-ghasafar.*' Spjega li ftit granet wara minghalih fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru mar il-kwarantina jiccekkja fuq l-ghasafar biex jurihom lill-espert tal-Qorti Stanley Gatt biex jikkonferma r-razza tal-ghasafar bhala espert u gie infurmat li wiehed mill-ghasafar li elevaw miet. Zammewh xorta, ffrizawh u urejwh lill-espert tal-Qorti biex jikkonferma r-razza tal-ghasafar x'kienu.

In kontro-ezami qal li l-ghasafar haduhom il-kwarantina. L-ispezjoni kienet saret fid-disgha u ghoxrin (9:20hrs) u haduhom kwarantina Hal-Luqa. Xehed li dak iz-zmien Stanley Gatt kien il-MEPA s-sezzjoni tal-ghasafar. Mistoqsi jekk meta jittiehdu kwarantina ikunux labelled jew ikunx hemm evidence number qal li xoghol tal-Pulizija ma jidhlux fiha izda jaghmlu tag mal-gagga. Mistoqsi ghad-differenza bejn stazzjon tal-insib u sit tal-insib wiegeb li '*sit hija l-ghalqa, u l-istazzjon huwa l-post. Qed nitkellmu kwazi l-istess haga. Inti ghandek ghalqa, jkollok sit, ittihulek il-MEPA, bhala permess u tarma x-xibka fuqu.*' Fuq kull sit jista' jkollhom sa tnejn (2). Mistoqsi kemm fuq stazzjon kemm jista' jkollok ghasafar wiegeb '*Il-ligi tghidlek, irrelevanti kemm ghandek siti, wiehed u ghoxrin (21) ghasfur. Lanqas il-ligi, permess specjali, terga dan kien. Special permission,*' Jghid li f'sit wiehed jista' jkollok zewg (2) persuni licenzjati. Mistoqsi jekk f'sit wiehed jista jkollok zewg (2) stazzjonijiet wiegeb li '*Imma jrid ikun hemm zewg (2) nassaba.*' Jghid li kien hemm ghalqa li ma kinitx kbira hafna, ma jiftakarx is-size jekk kienx ghoxrin tomna jew mija imma ma kinitx ghalqa kbira hafna. Jghid li kien hemm is-Sinjur go dura qed jonsob normali u li kien hemm ix-xbieki armati, lesti ghal ghasfar imdawrin. Ma jiftakarx kemm kien hemm xbieki, jekk kienx hemm par jew zewg pari. Li hu setgha jkollu zewg (2) pari u la ma harkux ghax kellu tlieta jew erbgha sinjal li kien tajjeb. Ikkonferma li massimu li seta' jkollu kienu zewg (2) pari.

**Stanley Gatt** xehed fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) huwa ghamel referenza ghal fol 12 sa 20 bhala d-dokumenti li prezenta. Spjega li fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ghal habta ta' nofsinhar

kien gie mitlub mill-Pulziija tal-ALE sabiex jezamina numru ta' ghasafar li allegatament kienu gew issekwestrati minghand Emanuel Grech bin-numru tal-karta tal-identita' 35949M fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fil-limiti tal-Ghallis. L-ezemplari gew migjuba lilu fl-ufficju tieghu l-Marsa u iddentifikahom bhala dak li hemm indikat a fol 12 u cioe' sponsun u gojjin. L-isponsun kien ghadu haj u l-gojjin kien mejjet. L-ebda minn dawn l-ezemplari ma kien imlibbes xi forma ta' curkett, la split ring li kien obbligat li kieku jonsob u qabad ghasfur skont id-deroga, dan kien obligat li jlibbislu curkett *colour coded* skont l-ispeci, fejn is-size ivarja ukoll. Jekk juzah bhala tahrik, kellu jkun imlibbes dan it-tip ta' curkett closed ring li jintuza fil-captive breeding. Dawn iz-zewg ezemplari ma kellhomx dawn ic-crieket. Spjega li '*Il-kundizzjonijiet tal-permess illi kienet harget id-WBRU, ghall-fini ta' din id-deroga, kienu jobbligaw lil min jaqbad ghasafar tal-ghana mis-salvagg sabiex ilibbsilhom dan ic-curkett u sabiex ukoll immedjatament jirrappurathom. Jiena ccekkjajt mar-rekords taghna jekk il-persuna ndikata, dan kellhom jirrappurtaw bl-uzu tal-mobile phone. u l-pulizija tawi d-dettalji tal-persuna, jigifieri ta' certu Grech Emanuel illi joqghod forty eight (48), Triq Eldorado, l-Hamrun, bl-id card number 35949(M) u tawni wkoll il-mobile phone number. Mir-ricerka li ghamilt iiena, rrizultali lil-persuna kien licenzjat sabiex jonsob. Pero', matul l-istagun kollu, dan m' ghamilx rapport ta' qbid ta' ghasafar. Tal-ebda ghasfur. Issa l-conditions tal-licenzja jistipulaw illi min jinstab fil-pussess ta' dawn it-tip ta' ghasafar li ma' jkunux gew immarkati, jigi awtomatikament prezunt illi qabadhom. Li qabadhom hu waqt l-insib. Ghaldaqstant, dik kienet ir-raguni ghalfejn jiena ghamilt din it-tip ta' ricerka wkoll, biex nara jekk dawn setghux inqabdu b'mod legittimu u jekk inqabdu b'mod legittimu, jekk kienux gew rapportati wkoll skont il-kundzzjoni tal-licenzja. Ir-raguni illi kellu jkun hemm ir-rapurtagg, kien illi l-holders tal-licenzja kienu marbutin ukoll kemm bi kwota personali, jigifieri l-individwu kemm jista jaqbad ghasafar u kemm bi kwota nazzjonali, jigifieri kemm in-nassaba kollha li kienu qed jonsbu, kemm setghu jaqbdu ghasafar minn dawk l-ispeci matul l-istagun kollu.*' Jghid li kien esebixxa ritratti li ha ta' dawn l-ezemplari indikati lilu minn PS 1030 Clint Theuma bhala dawk li kienu gew issekwestrati minghand l-individwu. B'referenza ghal fol 14 kien indika x'tip ta' crieket dawn l-ghasafar suppost kienu mlibbsin. Spjega ukoll li '*kont prezentajt il-Qorti wkoll, kopja ta' licenzja, kopja standard tal-licenzja mahruga lil kull nassab. Fejn hemm il-kundizzjonijiet marbuta mal-licenzja. U hemm indikat b'mod car wiehed x'jista u ma' jistax jaghmel. U nixtriq naghmel referenza b'mod partikolari ghall-kudnizzjoni numru*

*tlettax (13), illi tistabilixxi illi dawn l-ghasafar kellhom ikunu mlibbsin dawn ic-crieket u kundizzjoni numru erbatax (14), fejn tghidlek illi jekk inti tinstab fil-pussess ta' dawn l-ghasafar li ma' jkunux imlibbsin curkett, inti prezunt illi nstabt ghalihom inti stess'* In kontro-ezami fl-elfejn u erbatax (2014) qal li kien jahdem il-Wild Birds Regulation Unit, kien il-head tal-ispecialist enforcement branch u fiz-zmien li kien secondend mal-Wild Birds Reguation Unit, kien impjegat tal-MEPA. Illum jinsab l-environment and resources authority mhux id-WBRU.

Jirrizulta li fil-verbal tas-seduta tal-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) quddiem din il-Qorti diversament preseduta gie veralizzat li '*Il-partijiet jaqblu li joqghodu fuq l-affidavit ta' PS 1396 S Farrugia.*' Ghalkemm jirrizulta li l-appellant kien xehed quddiem l-Ewwel Qorti, huwa ma xehdx quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ghal habta tad-9:30 PC1396 S. Farrugia waqt li kien xoghol ma' PS 1030 fil-limiti tan-Naxxar[1] innota l-imputat li kien gewwa dura jonsob.[2] Kien hemm mansab armat b'diversi ghasafar fil-gabjetti mdawrin max-xbiek[3];

2. Skont dak li PS 1030 u PC 1396 xehdu permezz tal-affidavit kien hemm sitta u ghoxrin (26) ghasfur mdawrin mal-mansab u cioe' live decoys filwaqt li tnejn (2) minnhom ma kellhomx curkett maghluq;

3. Iz-zewg ghasafar minghajr curkett flimkien mal-licenzja specjali tal-harifa 2014, il-Carnet de Chasse u disa' (9) crieket gew elevati mill-Pulizija;

4. L-Ewwel Qorti illiberat lill-appellant mit-tielet (3) imputazzjoni u sabitu hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet.

---

[1] Skont ic-citazzjoni fl-inhawi ta' l-Ghallies;
[2] Skont l-affidavit ta' PC 1396 S. Farrugia a fol 9.
[3] Skont l-affidavit ta' PS 1030 Clinton Theuma a fol 6.

L-appellant fl-appell tieghu jissottometti li ma jistax jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontrih u dan peress li ma ngabitx prova sodisfacenti skont il-ligi li hu ma ssodisfax ir-regoli kollha fil-licenzja tal-insib. L-appellant issottometta li d-dokument li gie esebit kien fotokopja ta' dak li allegatament qieghed jinghad li hi licenzja specjali tal-appellant. Li fil-kazijiet ta' proceduri penali hlief fejn il-ligi ma tesegiex id-dispensa tal-awtenticita' tad-dokument, kull dokument esebit relevanti ghal kull kaz u aktar u aktar meta l-kaz ikun principalment kostruwit fuqu ghandu jkun awtentiku jew awtentikat. Skont l-appellant fil-kaz in ezami, id-dokument in kwistjoni ma jissodisfax dawn ir-rekwiziti u allura ma ngabitx prova skont il-ligi ta' dan id-dokument.

Ghalhekk l-ewwel parti tal-aggravju mressaq mill-appellant jirrigwarda l-prova li ngabet dwar il-licenzja tal-insib specjali tal-Harifa in kwistjoni. Ghalkemm a fol 15 et sequitur giet ipprezentaa '*Licenzja Specjali ghall-Insib limitat tal-Ghasafar tal-Ghana fil-Harifa tal-2014 taht kondizzjonijiet strettament sorveljati*', din il-licenzja hija bhal speci ta' 'sample' jew 'standard form' u ghalhekk id-dettalji ta' min huwa licenzjat huma nieqsa. Jirrizulta izda li skont ix-xhieda permezz tal-affidavits ta' PS 1030 u PC 1396, waqt l-ispezzjoni fuq is-sit gew elevati il-licenzja specjali tal-insib kif ukoll il-Carnet de Chasse fost affarijiet ohra. Din il-Qorti qieghda ghalhekk tifhem li d-dokumenti li jinsabu fl-envelop li jinsab a fol 8 gew elevati minghand l-appellant izda ma hemm l-ebda verbal li specifikament jipprovdi min prezenta dan l-envelop b'dokumenti jew jekk dak li jinsab a fol 8 kienx dak elevat.

In atti ghalhekk jirrizulta li hemm licenzja mahruga mis-Segretarjat Parlamentari Ghall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali specifikament mill-Wild Birds Regulation Unit iffirmata minn Sergei Golovkin indirizzata lil Emanuel Grech bid-dettalji tieghu u cioe' indirizz u numru tal-karta tal-identita' fost dettalji ohra. Din il-licenzja ghalkemm fiha firma u u taht firma hemm imnizzel '*Sergei Golovkin Head Wild Birds Regulation Unit*' il-firma tidher qisha fotokopja. Fl-istess envelop jirrizulta li hemm site plan li tidher originali u cioe' mhux fotokopja fejn hemm sit immarkat u fejn hemm imnizzel '*APPROVED WBRU*' 8/7/14 u hemm imnizzel '*Emanuel Harry Grech 35949M*' u 'RL48'. A fol 7 giet ipprezentata ircevuta tal-oggetti elevati u cioe ta' '1

Gojjin', '1 Sponsuna', '1 carnet de Chasse', '1 Special Trapping Licence' u ' 9 Rings'. Jirrizulta li l-Carnet De Chasse li jinsab a fol 8 huwa originali. Din il-Qorti sejra ghalhekk tibda billi tqis jekk gialadarba l-imputazzjonijiet mressqa kontra l-appellant jirrigwardaw ksur ta' kundizzjonijiet ta' licenzja, il-fatt li l-firma li tidher fuq il-licenzja li tinsab fl-envelop a fol 8 ma hijiex originali fis-sens qisha fotokopja jew firma maghmulha fuq xi apparat elettroniku, tissodisfax il-livell ta' prova rikjesta fil-kamp penali.

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Saviour Baldacchino) vs Christian Demanuele)**[4]' il-Qorti kkunsidrat:

*'Illi jibda biex jinghad li uhud mix-xhieda tal-prosekuzzjoni prezentaw diversi dokumenti waqt id-depozizzjoni taghhom. Hafna minn dawn id- dokumenti, fil-maggoranza atti gudizzarji, huma fotokopja mhux awtentikata u lanqas konfermata b'gurament mir-Registratur tal-Qorti.*

*Illi ai termini ta'l-artikolu 636 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili*[5] *(rez applikabbli ghall-proceduri penali permezz ta'l-artikolu 520(1)(e) tal-Kodici Kriminali*[6] *) kopja ta' att gudizzjarju titqies bhala awtentika u konsegwentment tista' tingieb bhala prova jekk maghmula fil- forma li trid il-Ligi mill-ufficjal li ghandu huwa merfugh l-original.*

*Illi huwa principju ben stabbilit li fil-kamp penali l-prosekuzzjoni hija obbligata tressaq l-ahjar prova. B'applikazzjoni ta' dan il-principju u tad- dispozizzjonijiet tal-Ligi hawn fuq kwotati, kull dokument, mhux fil-forma originali, irid ikun awtentikat minn persuna kompetenti*[7]*, altrimenti ma jissodisfax il-kriterju ta'l-ahjar prova.*

---

[4] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-10 ta' Awissu, 2017 (Kumpilazzjoni Numru: 479/2015)

[5] Il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sitta u ghoxrin (26) fis-sentenza citata)

[6] Il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sebgha u ghoxrin (27) fis-sentenza citata)

[7] Fil-kaz ta' atti gudizjarji l-persuna kompetenti huwa r-Registratur tal-Qorti ghaliex, fit-termini ta'l-artikolu 636 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti gudizjarji originali huma merfugha ghandu. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tmienja u ghoxrin (28) fis-sentenza

*Illi dan il-principju huwa ben assodat fil-gurisprudenza taghna. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Concetta Charles*[8] *il-Qorti ta'l-Appell Kriminali, skartat fotokopji bhala prova propju ghaliex mhux awtentikati; dik il-Qorti qalet hekk:*

*Ma hemmx dubju illi d-dokumenti mhux awtentikati provduti mill- appellanta, ghal dak li jirrigwarda fotokopji, ma jistghux jigu accettati bhala prova minn din il-Qorti.'*

Ghalhekk il-prosekuzzjoni kienet mistennija li tressaq l-licenzja originali u li f'kaz li l-originali ma setghetx titressaq, il-persuna li awtorizzat il-hrug tal-licenzja kellha tittella biex tixhed u tikkonferma l-awtenticita' tal-licenzja. L-appellant gie akkuzat bi tlett imputazzjoni u liberat mit-tielet (3) wahda mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk din il-Qorti sejra tillimita ruhha ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet li taghhom l-appellant instab hati. Dawn jipprovdu:

*'Akkuzat talli nhar it-12 ta' Novembru 2014 ghal habta tal- 9:30hrs fl-inhawi ta' l-Ghallies l/o Naxxar u f' dawn il-gzejjer waqt stagun miftuh hadt jew ipprovajt tiehu b'xi mezz, xi ghasfur meta ma issodisfajtx il-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-Licenza Specjali ghall-Insib limitat tal-Ghasafar tal-Ghana fil-Harifa tal-2014 mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u f' kull ligi ohra u cioe' zammejt jew kellek fil-pussess tieghek aktar minn total ta' wiehed u ghoxrin (21) ghasfur tal-ghana/bghula uzati bhala ghajat u tahrik (live-decoys) waqt li kont fis-sit fejn isir l-insib, irrispettivament minn numru ta' persuni li ghandhom il-licenzja registrata fuq l-istess sett ta' mnasab bi ksur ta' kundizzjoni numru 12; bi ksur ta' regolament 12 (1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S.504.71),u bi ksur ta' regolament 9 tal-A.L.253 tal-2014 hekk kif emendat (L.S.504.124).*

*Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uzajt ghasafar tal-ghana/bghula (6 ghasafar) uzati bhala ghajat u tahrik (live-decoys) waqt li kont fis-sit fejn isir l-insib u li ma kellhomx crieket maghluqa (seamless closed ring) jew crieket li jistghu jintuzaw darba biss kif approvat mill-Wild Bird Regulations Unit bi ksur ta' kundizzjoni numru 13 bi ksur ta' regolament 12(1)*

citata)

[8] Deciza 27.07.2012. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata disgha u ghoxrin (29) fis-sentenza citata)

*tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71),u bi ksur ta' regolament 9 tal-A.L. 253 tal- 2014 hekk kif emendat (L.S. 504.124);'*

Ghalhekk minn qari ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet jirrizulta li dak li huwa akkuzat bih l-appellant huwa intrinsikament marbut mal-kondizzjonijiet tal-Licenzja Specjali ghall-Insib limita tal-Ghasafar tal-Ghana fil-Harifa tal-2014. L-Avviz Legali 254 tal-2014 fl-artikolu 7 jipprovdi li '*Kull liċenza għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa maħruġa skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha:*' u tipprovdi lista ta' kundizzjonijiet fosthom:

*(k) tipprovdi li n-numru totali ta' għasafar tat-taħrik ugħajat f'kull stazzjon minn fejn isir l-insib m'għandux jaqbeż il-wieħed u għoxrin (21) għasfur tal-għana u, jew ibridiirrispettivament min-numru ta' persuni li għandhom il-liċenzareġistrati fuq l-istess stazzjon u tipprovdi ukoll li l-istazzjonminn fejn isir l-insib m'għandux ikollu aktar minn total ta' seba'(7) għasafar tat-taħrik u għajat mill-istess speċi ta' għasfur tal-għana u, jew ibridi tagħhom;*

*(l) tipprovdi li bla ħsara għall-paragrafu (k), għasfurtal-għana u, jew ibridu tiegħu jista' jintuża biss bħala għajat jewtaħrik jekk ikollu ċurkett magħluq, jew ċurkett li jintuża darbabiss kif approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għal dak l-għan;*

Ghalhekk dawn iz-zewg rekwiziti li ghandha tinkludi licenzja huma relatati mal-kundizzjonijiet li l-prosekuzzjoni qieghda tallega li l-appellant kiser. Gialadarba izda li kif inghad l-imputazzjonijiet huma marbuta mal-licenzja, qabel il-Qorti tista' tikkunsidra l-mertu u cioe' jekk giex ippruvat li l-appellant kiser kundizzjoni jew kundizzjonijiet kontenuti f'licenzja, kien mehtieg li l-Prosekuzzjoni tressaq l-ahjar prova u cioe' kopja awtentika tal-licenzja jew li jitla xhud inkarigat ghal hrug tal-licenzji jixhed bil-gurament sabiex jikkonferma li l-licenzja kontenuta fl-atti anke jekk din giet elevata minghand l-appellant hija filfatt il-licenzja li kienet registrata f'isem l-appellant u li hija ghalhekk awtentika. Fil-mument li jigi stabbilit dan, umbghad il-Qorti kienet tkun f'pozizzjoni tiddeciedi jekk kienx hemm ksur ta' kondizzjoni jew kondizzjonijiet ta' licenzja. Is-sample ta' licenzja prezentata a fol 15 et sequitur li ma

hija intestata f'isem hadd, ma hija tal-ebda valur fil-kamp penali. Stanley Gatt fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti diversament preseduta xehed li '*kont prezentajt il-Qorti wkoll, kopja ta' licenzja, kopja standard tal-licenzja mahruga lil kull nasab.*' u ghalhekk din il-Qorti qieghda tifhem li l-licenzja li tinsab a fol 15 et sequitur hija licenzja standard li prezenta Stanley Gatt izda ma jirrizultax li dan ix-xhud xehed dwar il-licenzja intestata f'isem l-appellant a fol 8. Filfatt meta dan ix-xhud gie mistoqsi ghal liema dokumenti kien prezenta huwa rrefera ghal fol 12 sa 20. Ghalhekk ghalkemm l-licenzja li tinsab fl-envelop a fol 8 hija instestata u fejn hemm anke *site plan* li ghalkemm mhijiex annessa mal-licenzja[9], ghandha tkun annessa mal-licenzja u li tinzamm mal-Carnet De Chasse, l-ebda xhud ma ttella mill-Wild Birds Regulation Unit biex jikkonferma li din il-licenzja li tinsab fl-envelop a fol 8 kienet il-licenzja l-awtentika registrata f'isem l-appellant li qieghed jigi allegat ksur taghha. Filfatt PS1030 Clinton Theuma li xehed permezz tal-affidavit u anke quddiem din il-Qorti diversament preseduta kien stazzjonat l-Administrative Law Enforcement u ghalhekk mhux il-Wild Birds Regulation Unit. PC 1396 S. Farrugia lanqas ma jirrizulta li kien stazzjonat il-Wild Birds Regulation Unit dak iz-zmien u ghalhekk ghalkemm iddikjara li l-pulizija elevaw il-licenzja specjali tal-insib, din mhijiex konferma li l-licenzja hija awtentika.

Meta xehed Stanley Gatt quddiem din il-Qorti diversament preseduta fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017), mistoqsi fejn kien jahdem fl-elfejn u erbatax (2014) xehed li kien jahdem il-Wild Birds Regulation Unit, li kien il-head tal-ispecialist enforcement branch. Jikkonferma li ghamel zmien jahdem il-MEPA, fiz-zmien li kien seconded mal-Wild Birds Regulation Unit, kien impjegat ukoll tal-MEPA. Illum il-gurnata u cioe' meta xehed fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) qal li qieghed l-Environment and Resources Authority. Mix-xhieda ta' Stanley Gatt li huwa kien prezenta sample tal-licenzja in kwistjoni u cioe' dik li tinsab a fol 15 et sequitur. Huwa kkonferama li mir-ricerka li ghamel irrizulta li l-persuna kien licenzjat sabiex jonsob. Ghalkemm Stanley Gatt in kontro-ezami kkonferma li kien jahdem il-Wild Bird Regulations Office kif ukoll il-MEPA fl-elfejn u erbatax (2014) huwa ma giex mistoqsi sabiex jikkonferma li l-'*Liċenzja Speċjali*

---

[9] Peress li l-pagni huma *loose* ghalkemm hemm sinjali li jhallu stejpils li ghalhekk tindika li dawn setghu f'xi mument kienu annessi flimkien.

*għall-Insib limitat tal-Għasafar tal-Għana fil-Ħarifa tal-2014 taħt kondizzjonijiet strettament sorveljati*' li kienet registrata f'isem l-appellant kienet dik a fol 8 izda xehed dwar l-istandard licence ipprezentata  u cioe' dik a fol 15 et sequitur. Ghalkemm jirrizulta li s-sample prezentata minn Stanley Gatt a fol 15 et sequitur tikkontjeni l-istess kondizzjonijiet bhal dik li tinsab fl-envelop a fol 8 intestata f'isem Emanuel Grech, dan ma hueiex bizzejjed bhala prova tal-awtenticita' tal-licenzja u cioe' li kienet f'isem l-appellant. Il-Prosekuzzjoni kienet mistennija li tressaq l-ahjar prova u dan billi tipprezenta l-licenzja originali intestata f'isem l-appellant jew li tressaq bhala xhud lil Sergei Golovkin li fuq il-licenzja huwa indikat bhala Head tal-Wild Birds Regulation Unit jew jikkonferma l-awtenticita' ta' din il-licenzja u dan mill-persuna li harget din il-licenzja li skont ma jirrizulta mill-licenzja kien Sergei Golvkin bhala Head tal-Wild Birds Regulation Unit jew rapprezentant iehor li ghandu l-kompetenza jikkonferma l-awtenticita' ta' tali licenzja.

Ghalkemm dwar fatti differenti li ma kienux jirrigwardaw kwistjoni ta' dokumenti, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs. Daniel Grech'**[10]:

*'Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li l- imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma gewx sodisfacentement pruvati. Minkejja li l-Qorti tista' tispekula dwarhom, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Isegwi ghalhekk li l-imputat ma jista' bl- ebda mod jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil- konfront tieghu.*

***Ikkunsidrat***

*Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il- grad ta' prova minnha rikjest u cioè li l-imputat huwa hati tal- imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. B'hekk jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija ta' l-imputat u l-Qorti ghalhekk hija obbligata tillibera lill-istess imputat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.*'

[10] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Krimianli fit-13 ta' Jannar, 2016 (Numru: 204/2014)

Gialadarba iz-zewg imputazzjonijiet li taghhom l-appellant instab hati kienu intrinsikament marbuta mal-licenzja, stante li ma saritx prova sufficjenti li l-licenzja li tinsab fl-envelop a fol 8 hija awtentika u li kienet dik intestata f'isem l-appellant u mertu tal-imputazzjonijiet, dawn iz-zewg imputazzjoni ma gewx ippruvati sufficentement. Stabbilit dan, din il-Qorti ma ghandhiex ghal xiex tikkunsidra l-kumplament tal-aggravju.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata kemm fil-htija kif ukoll fil-piena.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur